# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru erbgħa (5) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ħamis 24 ta' Frar, 2011, fl-4.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| PREŻENTI: | | |
|---|---|---|
| | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Deputat Segretarju Eżekuttiv |
| | Derren Busuttil | Ex- Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**Punti mill-Minuti**

3. Is-sur Joe Borg u d-Direttur tal-kumpanija ta' Stirling Security, David Stubbings, waslu, flimkien mas- sur David Soler (Authorized Official) biex jidiskutu mal-kunsilliera is-sitwazzjoni mal-gwardjani.

4. Is-Sindku qal li aħna limitati bil-flus din is-sena u rridu nlaħqu mal bżonnijiet tal- Kunsill l-ewwel. Għalhekk qal li ma jistax jifhem kif aħna qegħdin inħallsu għal għaxar sigħat fil-ġimgħa, meta inizjalment ħaseb li kelna sebgħa, waqt li Kunsilli oħrajn iħallsu għall-inqas. Għal dawn ir-raġunijiet qal li ma jixtieqx inkomplu nħalsu l-istess amont.

5. Quddiem dawk preżenti, is-Sindku spjega li l-Kunsill mar izjed minn €5000 minn taħt f'2010 bi CCTV camera. Minn 21 multi, 13 biss ħalsu.

6. Is-Sindku u kunsilliera qablu li l-gwardjani qatt ma jagħmlu l-ħinijiet tagħhom ġor-raħal, u kolla bdew jispjegaw il-ħsibijiet tagħhom lis-sur Borg. Huma spjegaw kif il-gwardjani jkunu dejjem fl-istess triq (fejn l-ATM) u li hemm minn irċieva seba' ċitazzjonijiet għall-istess haġa waqt li nies li jkissru regoli li jistgħu jkollom konsegwenzi gravi ma jiġux penalizzatti.

7. Is-sur Eddie Bonello qal li kien hemm kaz fejn kien hemm warden li keċċieh minn fejn kien ipparkjat għax kien fuq 'double yellow' avolja mar hemm biss għal ftit sekondi. Meta telaq hu, il-warden daħal il-karozza tiegħu hemm u baqa pparkjat.

8. Is-sur Jerome Busuttil qal li residenti ġo Triq Ħlantun jaqalaw ħafna multi, filwaqt li f'Triq iz-Zurrieq qatt ma jara wardens avolja kulħadd jagħdi 2-way (it-triq hija 1-way). Ma dan, is-Sur Eddie Bonello qal li apparti l-ħinijiet li l-wardens jagħmlu hawnhekk, qed jiddejjaq għax hemm minn jaqla ċitazzjonijiet fuq affarijiet zgħar, waqt li dawn li jkompli jkisru ir-regoli ma jigrilhom

xejn. Għalhekk qal li barra li jagħmlu l-ħinijiet tagħhom, għandhom ikunu f'postijiet fejn hemm bzonn t'izjed kontrol!

9. Is-sur Borg iringrazzja lil kulħadd għall-istedina. Qal li bi CCTV camera f'2010 ħargu 23 multi (aħna għandna 21 miktub). In-nies saru jafu li hemm camera, b'hekk ir-ritmu ta regoli miksurin tnaqqsu u ma kienx kwistjoni ta' nuqqas ta xogħol minn naħa tal-kumpanija. B'hekk is-Sindku qal li ma baqax uzu tal-camera u mhux se nkomplu nħalsu l-ispejjez. Is-sur David Soler u l-kunsilliera qablu ma dawn il-kumenti.

10. Is-sur Borg qal li jidher li l-gwardjani daħlu hawn, biss meta jagħtu ċ-ċitazzjonijiet. Skond is-sur Borġ is-sistema ta' DataTrakk mhux il-ħin kollu juri fejn ikunu l-wardens. Fuq dan, is-sur Soler ma qabilx għax hemm mezz kif jaraw fejn huma l-ħin kollu. It-tnejn li huma se jiċċekjaw flimkien il-mod ta' kif taħdem is-sistema.

11. Biex jidefendi ir-raġunijiet il-ġħala ma jdumux hawnhekk il-gwardjani, Mr. Borg qal li hemm żewg spjegazzjonijiet. L-ewwel qal li ma jixtieqx li l-gwardjan ikun qisu qattus fuq ir-raħal li jiddejjaq in-nies. Wara qal li ma jixtieqx li jagħmlu siegħa mingħajr ma jagħmlu frott għal Kunsill. Is-sur Borg qal li l-kunsilliera għandhom jilbsu z-zraben tal-gwardjani filwaqt li Eddie Bonello qal li s-sur Borg għandu jimmagina lilu nnifsu fis-sitwazzjoni tagħna wkoll fl-istess ħin.

12. Is-Sindku qal li ma jridx li joħorġu ċitazzjonijiet biss, imma biex ikollom presenza fil-lokalita biex ibezzaw naqra u jġibu naqra dixxiplina. Fuq dan, is-sur Stubbings qal li ċ-ċitazzjonijiet huma importanti wkoll minħabba l-flus. Mr. Borg qal ukoll li jekk il-Kunsill ħass li kien hemm okkażjonijiet li kellhom bżonn l-intervenza mill-kumpanija, kien nuqqas minn naħħa tal-Kunsill jekk ma ċemplux.

13. Is-sur Borg qal li l-aktar li jidħlu ċitazzjonijiet huma minn Triq Ħal Far u jekk il-Kunsill jideċċiedi għall-użu ta' tlett sigħat u nofs biss, inkunu qegħdin naqtaw ħafna mill-profit t'hemmhekk.

14. Ġie miftihem ili se nagħmlu trial fejn inaqqsu s-sigħat għal ġimagħtejn, fejn il-Kunsill se jibgħat fejn iridu s-supervizzjoni tal-gwardjani u fix-ħin.

15. Is-Sur Soler reġa qal li l-problema ġejja minħaba l-camera u mhux ezatt mill-gwardjani.

16. Is-sur Borg u s-sur Stubbings ħarġu mill-laqgħa għax id-diskussjoni fuq LES waqfet. Wara dan, il-kunsilliera qablu li bħala trial jaħsbu li ħames sigħat huma bizejjed. Is-sur Francis Callus qal li jekk kienu jigu ghal tlett sigħat biss, meta konna inħalsu għal għaxra, aħna għandna dritt inħalsu għal tlieta. Minn issa il-quddiem qal li jekk jigu għal 20 minuti biss, mela inħalsuhom għal dak l-amont ta' ħin.

17. Il-kunsilliera qalu lid- Deputat S.E Anthony Attard biex jieħu nota tat-toroq fejn jixtiequ li jduru l-gwardjani. Dawn id-detalji kienu mibgħuta lis-sur Borg wara.

18. Is-sur David Soler ħareġ mill-laqgħa meta ntemmet id-diskussjoni miegħu.

19. Eddie Bonello qippropona li jagħmlu z-zebra crossing ġo Triq ta' Ġawħar fejn ir-rampa, u l-kunsilliera kellhom opinjonijiet differenti. Se jaraw fil-laqgħa li jmiss.

20. Ġo Triq iz-Zejtun, fejn il-Mitħna, hemm zebra crossing 'extra'. Il-kunsilliera qablu li jneħħu z-zebgħa ta dik li mhux suppost tintuza għax in-nies ma jafux liema juzaw.

21. Rigward it-talba minn naħa ta' Vodaphone sabiex iwaħħlu tabella tal-kumpanija tagħhom, wara li ġejna premjati mill-fondi tagħhom għall-isbaħ proġett tar-reġjun, il-kunsilliera ma qablux li jitwaħal fejn jixtiequ l-kumpanija. Iddeċidew li l-Kunsill tibgħat il-'wording' u wara laqgħa oħra ngħidulhom ukoll fejn se titwaħal.

22. Mr.Derren Busuttil, l-ex Segretarju Eżekuttiv, beda jaqra il-Financial Audit Report ta' 2010. Hu spjega fid-detall l-amonti li daħlu u li ħargu mill-Kunsill. Avza wkoll li se nkolna spejjez kbar din is-sena, speċjalment bil-knis, street cleaning, etc. Qal ukoll li se nkolna noħorġu tender issa għal cleaner ukoll. Fl-istess ħin qal li bħala spejjes ta' dawl se tnaqqas xi ftit din is-sena u li l-paga ta Doris Baldachino issa se jidħlu taħt 'pagi' tagħna issa la mhix impjegata tal-gvern issa. Qal ukoll li konna 'breakever' meta ġie għal organizzazzjonijiet t'attivitajiet u li importanti li dejjem inzommu 'breakeven'. Waqt li kompla jispjega r-rapport, qal li rridu naraw dawk il-multi li ġew imħalsin go Kunsilli oħrajn li ma bagħtux il-flus lilna. Fl-aħħar qal li fis-sena 2010, il-Kunsill għamel profit ta madwar €2000.

23. Il-kunsilliera xtaqu jiringrazzjaw lil Derren Busuttil tax-xogħol li għamel matul is-sena u issa wkoll għal Audit Report.

24. Rigward l-ispejjeż tax-xatba li twaħħlet fil-parti tat-twessiħ ta' fejn iċ-ċimiterju, l-kunsilliera qablu li jmoru mal-ftehim oriġinali.

**Korrispondenza**

25. Il-Kunsill irċieva talba minn Mrs. Marcella Gatt biex tuza s-sala għal klassijiet t'aerobics u pilates. Id-Deputat S.E Anthony Attard qal li hemm bye-law fejn, jekk il-klassi ma tkunx bla hlas, nistgħu nistaqsu għal ċertu amont ta flus. Il-kunsilliera qalu li ġa qalu le lil xi ħadd li talab l-uzu tas-sala. Anthony Attard għandu jibgħat email lil Mrs.Gatt biex jistaqsi għal izjed informazzjoni rigward il-ħinijiet, ġranet, kemm se tkolla nies u kif in-nnies ta Safi se jgawdu minn din-klassi. Jixtiequ jkunu jafu wkoll għal kemm zmien għanda bzonn is-sala. Wara li tibgħat lura, jieħdu d-deċizzjoni jekk iħaluha tuza s-sala jew le.

26. Wara li Anthony Attard qara email mingħand il-Malta Standards Authority li xtaqu isem ta' xi ħadd li jkun il-persuna ta' kuntatt għall-playgrounds ta' Safi, is-sur Jerome Busuttil u s-Sindku Pietru Pawl Busuttil aċċettaw li jkunu huma li jieħdu r-responsabilita.

27. Fuq kwistjoni f'Ta' Ħlantun, fejn se jkun hemm zvilupp fil post, is-sur Eddie Bonello xtaq ikun jaf jekk hemm parti li taqa' taħt l-area tagħna. Il-kunsilliera qablu li nieħdu hsieb dak li hemm bzonn għall-proġett la hemm parti li hija tagħna.

28. Is-Sezzjoni Zgħazagħ Palmisti ta' Zurrieq bagħtu email biex jistaqsu għall-istima biex juzaw il-ground tal-football għal ġurnata biex jagħmlu attivitajiet sportivi bejniethom. Il-kunsilliera qablu le jzommuhom daqs is-sena l-oħra.

29. Il-kunsilliera aċċettaw stedina mill-Partit Laburista għaż-żjara fl-uffiċju tal-Kunsill Lokali mill-Kap tal-Oppozizzjoni, Dr.Joseph Muscat, fil-tlettax ta' Marzu 2011 ġo Ħal Safi.

30. Il-kunsill lokali ta' Zurrieq ikonfermaw li ma kienux qegħdin jaqblu bl-opinjonijiet tagħna rigward il-kwistjoni tat-tabella u li għalhekk se mmorru għand id-Dipartament biex jieħdu deċizzjoni huma.

**Ħwejjeġ oħra**

31. Is-sur Publius Abdilla qal li għandna nibdew siegħa kull ħmistax fil-librerija (dejjem skond x'jippermetti l-flus) għal 'story-telling'.

32. Il-kunsilliera inuttaw li hemm leakage tal-ilma f'Triq Rqajja u li għanda ssir rapport.

33. Il-kunsilliera qablu li n-notice board tal-Kunsill Lokali li hemm fejn l-ATM (ħdejn il-Kunsill) għanda tersaq sa taħt it-tabella tal-Wifi barra l-bieb tal-kunsill.

34. Il-kunsilliera approvaw il-Payment Approval Sheets nos 6

35. Il-laqgħa intemmet fit-9.10pm.

36. Il-laqgħa li jmiss se tkun fl-10 ta' Marzu 2011.

Approvati llum    /02/2011

Sindku

Deputat Segretarju Eżekuttiv